DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Novembru 2006

li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi ta' l-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi

(notifikata taħt dokument numru C(2006) 5171)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/766/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistipula regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, tunikati, ekinodermi u gastropodi ta' l-ibħra u ta' prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi ġew stipulati fir-Regolament (KE) Nru 854/2004.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/20/KE ([2]) stabbiliet il-lista ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' ekwivalenza għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ta' l-ibħra u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/296/KE ([3]) fasslet il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd hija awtorizzata għall-konsum mill-bniedem.

(3) Il-listi għandhom jitfasslu bil-pajjiżi terzi u t-territorji li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 u li għalhekk jistgħu jiggarantixxu li l-molluski bivalvi, tunikati, ekinodermi u gastropodi ta' l-ibħra u l-prodotti tas-sajd esportati lill-Komunità jissodisfaw il-kondizzjonijiet sanitarji stipulati biex iħarsu s-saħħa tal-konsumaturi. Madankollu, l-importazzjonijiet tal-muskoli *adductor* tal-*pectinidae* għajr l-annimali ta' l-akwakultura, separati kompletament mill-vixxri u l-gonadi, għandhom jiġu permessi wkoll minn pajjiżi terzi li ma jidhrux fuq tali lista.

(4) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Awstralja, New Zealand u l-Urugwaj ipprovdew garanziji xierqa li l-kondizzjonijiet applikabbli għall-molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u l-gastropodi ta' l-ibħra huma ekwivalenti għal dawk stipulati fil-leġiżlazzjoni relevanti Komunitarja.

(5) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Armenja, il-Belarus u l-Ukraina pprovdew garanziji xierqa li l-kondizzjonijiet applikabbli għall-prodotti tas-sajd huma ekwivalenti għal dawk stipulati fil-leġiżlazzjoni relevanti Komunitarja.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjonijiet 97/20/KE u 97/296/KE għandhom jiġu rrevokati u jiġu ssostiwiti b'Deċiżjoni ġdida.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Importazzjonijiet ta' molluski bivavli, tunikati, ekinodermi u gastropodi ta' l-ibħra

1. Il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom jistgħu jiġu importati molluski bivavli, tunikati, ekinodermi u gastropodi ta' l-ibħra, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, hija stabbilita fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

2. Minkejja l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, il-Paragrafu 1 m'għandux japplika għall-muskoli *adductor* tal-*pectinidae* għajr l-annimali ta' l-akwakultura, separati kompletament mill-vixxri u l-gonadi, li jistgħu jiġu importati wkoll minn pajjiżi terzi li ma jidhrux fuq il-lista msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 2

Importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd

Il-lista ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom jistgħu jiġu importati l-prodotti tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, hija stabbilita fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206: Verżjoni kkoreġuta mill-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

([2]) ĠU L 6, 10.1.1997, p. 46. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2002/469/KE (ĠU L 163, tal-21.6.2002, p. 16).

([3]) ĠU L 122, 14.5.1997, p. 21. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2006/200/KE (ĠU L 71, 10.3.2006, p. 50).

Artikolu 3

Revoka

Id-Deċiżjonijiet 97/20/KE u 97/296/KE huma rrevokati.

Ir-referenzi għad-Deċiżjonijiet revokati għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi ta' l-ibħra fi kwalunkwe sura għall-konsum mill-bniedem huma permessi

(Pajjiżi u territorji msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004)

AU – L-AWSTRALJA

CL – IĊ-ĊILI ([1])

JM – IL-ĠAMAJKA ([2])

JP – IL-ĠAPPUN ([1])

KR – IL-KOREA TA' ISFEL ([1])

MA – IL-MAROKK

NZ – NEW ZEALAND

PE – IL-PERÙ ([1])

TH – IT-TAJLANDJA ([1])

TN – IT-TUNIŻIJA

TR – IT-TURKIJA

UY – L-URUGWAJ

VN – IL-VJETNAM ([1])

([1]) Molluski bivavli, ekinodermi, tunikati u gatropodi ta' l-ibħra ffiżżati u pproċessati biss.

([2]) Gastropodi ta' l-ibħra biss.

ANNESS II

Lista ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet tal-prodotti tas-sajd f'kwalunkwe sura għall-konsum mill-bniedem huma permessi

(Pajjiżi u territorji msemmija fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 854/2004)

AE – L-EMIRATI GĦARAB MAGĦQUDA

AG – L-ANTIGWA U BARBUDA ([1])

AL – L-ALBANIJA

AM – L-ARMENJA ([2])

AN – L-ANTILLI OLANDIŻI

AR – L-ARĠENTINA

AU – L-AWSTRALJA

BD – IL-BANGLADEXX

BG – IL-BULGARIJA ([3])

BR – IL-BRAŻIL

BS – IL-BAĦAMAS

BY – IL-BELARUS

BZ – IL-BELIŻE

CA – IL-KANADA

CH – L-IŻVIZZERA

CI – IL-KOSTA TA' L-AVORJU

CL – IĊ-ĊILI

CN – IĊ-ĊINA

CO – IL-KOLUMBJA

CR – IL-KOSTA RIKA

CU – KUBA

CV – IL-KAP VERDE

DZ – L-ALĠERIJA

EC – L-EKWADOR

EG – L-EĠITTU

FK – IL-ĠŻEJJER FALKLAND

GA – IL-GABON

GD – IL-GRENADA

GH – IL-GANA

GL – GREENLAND

GM – IL-GAMBJA

GN – IL-GINEA CONAKRY ([4]) ([5])

GT – IL-GWATEMALA

GY – IL-GIJANA

HK – HONG KONG

HN – IL-ĦONDURAS

HR – IL-KROAZJA

ID – L-INDONEŻJA

IN – L-INDJA

IR – L-IRAN

JM – IL-ĠAMAJKA

JP – IL-ĠAPPUN

KE – IL-KENJA

KR – IL-KOREA TA' ISFEL

KZ – IL-KAŻAKISTAN

LK – IS-SRI LANKA

MA – IL-MAROKK ([6])

MD – IL-MADAGASKAR

MR – IL-MAWRITANJA

MU – IL-MAWRIZJU

MV – IL-MALDIVE

MX – IL-MESSIKU

MY – IL-MALAŻJA

MZ – IL-MOŻAMBIK

([1]) Krustaċej ħajjin biss.

([2]) Għall-ġambli ta' l-ilma ħelu ħajjin, mhux imrobbija għal skopijiet kummerċjali, biss.

([3]) [Applikabbli biss sakemm l-Istat ta' l-Adeżjoni isir Stat Membru tal-Komunità.]

([4]) Ħut li ma għadda minn l-ebda tħejjija jew proċessar biss ħlief it-tneħħija tar-ras, it-tindif ta' l-imsaren, tkessiħ u ffriżar.

([5]) Il-frekwenza mnaqqsa ta' verifiki fiżiċi, stipulati mid-Deċiżjoni 94/360/KE, m'għandhiex tiġi applikata.

([6]) Molluski bivalvi pproċessati li jagħmlu parti mill-ispeċi *Acanthocardia tuberculatum* għandhom jiġu akkumpanjati minn: (a) ċertifikat tas-saħħa supplimentari skond il-mudell stipulat fil-Parti B ta' l-Appendiċi V ta' l-Anness VI tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005; u (b) ir-riżultati analitiċi tat-testi li juri li l-molluski ma fihomx livell ta' velenu paralittiku tal-krustaċej (PSP) li jista' jinstab permezz tal-metodu *bioassay*.

NA – IN-NAMIBJA

NC – NEW CALEDONIA

NG – IN-NIĠERJA

NI – IN-NIKARAGWA

NZ – NEW ZEALAND

OM – L-OMAN

PA – IL-PANAMA

PE – IL-PERÙ

PG – IL-PAPWA-GINEA ĠDIDA

PH – IL-FILIPPINI

PF – IL-POLINEŻJA FRANĊIŻA

PM – ST PIERRE U MIQUELON

PK – IL-PAKISTAN

RO – IR-RUMANIJA ([1])

RU – IR-RUSSJA

SA – L-GĦARABJA SAWDITA

SC – IS-SEYCHELLES

SG – SINGAPOR

SN – IS-SENEGAL

SR – IS-SURINAM

SV – EL SALVADOR

TH – IT-TAJLANDJA

TN – IT-TUNIŻIJA

TR – IT-TURKIJA

TW – IT-TAJWAN

TZ – IT-TANŻANIJA

UA – L-UKRAINA

UG – L-UGANDA

US – L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA

UY – L-URUGWAJ

VE – IL-VENEZWELA

VN – IL-VJETNAM

XM – IL-MONTENEGRO ([2])

XS – IS-SERBJA ([2]) ([3])

YE – IL-JEMEN

YT – MAYOTTE

ZA – L-AFRIKA TA' ISFEL

ZW – IŻ-ŻIMBABWE

([1]) [Applikabbli biss sakemm l-Istat ta' l-Adeżjoni isir Stat Membru tal-Komunità.]

([2]) Ħut frisk shih biss minn qabdiet selvaġġi ta' l-ilma bahar

([3]) Mhux inkluż il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill ta' Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 ta' l-10 ta' Ġunju 1999.